

32005R0941

22.6.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 159/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 941/2005**tat-30 ta' Mejju 2005****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1868/94 li jistabbilixxi sistema ta' kwoti f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni ta' lamtu tal-patata**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

(1) L-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1868/94 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kwoti ta' lamtu tal-patata għall-Istati Membri produttori għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2002/2003, 2003/2004 u 2004/2005.

(2) Skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1868/94 il-kwoti ta' tliet snin għandhom ikunu allokati lill-Istati Membri produttori abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill. Għal dan l-għan għandhom jitqiesu l-bidliet reċenti fil-politika agrikola komuni u l-produzzjoni fl-Istati Membri li ssieħbu mal-Komunità fl-1 ta' Mejju 2004. Għaldaqstant, soġġetti għal indikazzjoni ta' l-effetti inizjali fuq is-settur, il-kwoti eżistenti għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2004/2005 għandhom jiġu trasferiti għal sentejn oħra.

(3) L-Istati Membri produttori għandhom jallokaw il-kwoti tagħhom għal perijodu ta' sentejn fost il-produtturi kollha ta' lamtu tal-patata abbażi tal-kwoti għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2004/2005.

(4) Il-kwantitajiet użati mill-produtturi ta' lamtu tal-patata li jaqbżu s-sub-kwoti disponibbli fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2004/2005 għandhom jiġu mnaqqsa fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2005/2006 skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1868/94.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1868/94 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(6) Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu ⁽³⁾.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT,

Artikolu 1

L-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1868/94 huma b'dan issostitwiti b'li ġej:

"Artikolu 2

1. L-Istati Membri produttori ta' lamtu tal-patata għandhom jiġu allokati kwoti għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2005/2006 u 2006/2007 skond l-Anness għal dan.

2. Kull Stat Membru produttur imsemmi fl-Anness għandu jalloka l-kwota tiegħu fost il-produtturi ta' lamtu tal-patata għall-użu fis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2005/2006 u 2006/2007 abbażi tas-sub-kwoti disponibbli għal kull produttur fl-2004/2005, soġġett għall-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu.

⁽¹⁾ Opinjoni mgħotija fil-11 ta' Mejju 2005 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 197, 30.7.1994, p. 4. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni 2003.

⁽³⁾ Opinjoni mgħotija fid-9 ta' Marzu 2005 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Is-sub-kwoti disponibbli għal kull produttur għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2005/2006 għandhom jiġu aġġustati biex jitqies kwalunkwe ammont użat li jaqbeż il-kwota matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2004/2005 skond l-Artikolu 6(2).

Artikolu 3

1. Mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2006, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill rapport dwar l-allokazzjoni ta' kwota għewwa l-Komunità, akkumpanjat bi proposti xierqa. Ir-rapport għandu jitqies kwalunkwe bidliet fil-ħlasijiet lill-produtturi tal-patata u ta' l-iżviluppi tas-swieq tal-lamtu tal-patata u tal-lamtu taċ-ċereali.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Mejju 2005.

2. Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill, waqt li jaġixxi abbażi ta' l-Artikolu 37 tat-Trattat, għandu jid-deċiedi dwar il-proposti mill-Kummissjoni abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2007, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lil dawk ikkonċernati bir-regoli dettaljati adottati għas-settur."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Hu għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

F. BODEN

ANNEX

KWOTI GĦAS-SNIN TA' KUMMERĊJALIZZAZZJONI 2005/2006 U 2006/07

(tunnellati)

Repubblika Ċeka	33 660
Danimarka	168 215
Ġermanja	656 298
Estonja	250
Spanja	1 943
Franza	265 354
Latvja	5 778
Litwanja	1 211
Olanda	507 403
Awstrija	47 691
Polonja	144 985
Slovakkja	729
Finlandja	53 178
Svezja	62 066
Total	1 948 761